# Is-Surmast Giovanni Giumarra u Għajnsielem



Matul dawn l-aħħar snin, partikolarment minn meta ħa f'idejh it-tmexxija tal-Banda s-Surmast Frankie Debono, l-istatwa tal-Madonna ta' Loreto reġgħet bdiet tintlaqa' fil-bidu tal-purċissjoni, bil-*preghiera* "Alla Madonna di Loreto" tas-Surmast ċelebri Giovanni Giumarra. Dan is-surmast Sqalli, kien kiseb fama għal pinna indimentikabli tiegħu u ħafna jqisuh bħala wieħed mill-aqwa surmastrijiet li rat Malta. Huwa kien is-surmast tal-Banda "Duke of Edinburgh" tal-Birgu (illum iġġib l-isem ta' "Soċjetà' Mużikali San Lawrenz – Belt Vittoriosa A.D. 1883), liema banda kienet tagħmel is-servizzi tal-festa t'Għajnsielem, madwar mitt sena ilu. Kien f'dan il-perjodu li din il-preghiera nkitbet u baqgħet tindaqq sakemm ġie ikkummissjonat l-innu "Alla Vergine di Loreto", jew kif inhu magħruf aħjar l-"Esultanti" tas-surmast Antonio Pace.

B'rabta ma' dan, għall-benefiċċju tagħkom il-qarrejja, qegħdin nippublikaw silta mill-ktieb "Soċjetà Mużikali San Lawrenz, Belt Vittoriosa A.D. 1883 – Ġrajjietħa tul 125 Sena" tas-sur Anton Attard u li ġie ppublikat f'Lulju tal-2008.

**Programmi f'Għawdex**

*Il-fama li kisbet Duke of Edinburgh wara r-ritorn ta' Giumarra waslet ukoll f'Għawdex. Sa mill-1919, u jista' jkun qabel ukoll, il-banda kienet bdiet tiġi mistiedna esklussivament, sena wara oħra, għall-festa tal-Madonna ta' Loreto f' Għajnsielem. Tazzi li ġew ippreżentati lill-Banda mill-ammiraturi tagħha f'dan ir-raħal pittoresk, għadhom miżmuma b'Għożża fil-vetrini tas-Soċjetà. F'dan ir-raħal kienet tintlaqa' b'entużjażmu kbir, l-aktar waqt il-marċ li kienet tagħmel minn ħdejn il-vapur sal-pjazza ta' Għajnsielem, imsieħba minn għadd ġmielu ta' ammiraturi Vittorjosani u oħrajn minn Għajnsielem li kienu jinżlu l-Imġarr jistennew il-banda tasal. Mill-Imġarr il-Banda bil-Maltin u l-Għawdxin warajha kienet titlaq bil-marċ lejn Għajnsielem u tkompli lejn it-toroq ta'dak ir-raħal. Kif jintemm il-marċ, kienet tibda programm fuq il-planċier u wara takkompanja wara l-purċissjoni.*[1]

*L-Għadd ta' nies li kienu jmorru mal-banda kien ikun kbir tali li kienu jinkrew żewġ vapuri. Wieħed kien jitlaq fit-8.00am u jiġi lura fit-8.30pm. Il-banda u għadd ieħor ta' ammiraturi kienu jitilqu fuq vapur mill-Birgu f'nofsinhar u jiġu lura filgħaxija flimkien mal-vapur l-ieħor. Il-prezz kien ikun 3s. Kien hemm snin meta għadd ta' ammiraturi kienu jmorru minn lejlet il-festa wara nofsinhar.*





*Giumarra kien introduċa lill-kompożitur famuż Wagner b'għażliet mit-Taunhauser u żanżan żewġ marċi tiegħu, il-Polifonia u l-Festa Nazzionale.*[6]

*Il-parteċipazzjoni tal-Banda Vittoriosana fin-Nadur kompliet ukoll fi snin suċċessivi. Kienet titla Għawdex flimkien ma Għadd kbir ta' ammiraturi. Il-Każin kien jikri vapur, li jsalpa mix-xatt tal-Birgu lejlet il-festa filgħodu u jibqgħu hemm jumejn sħaħ.*

*Jidher li din il-festa kienet għal qalb Giumarra u għall-Banda Vittoriosana mhux ftit. Dan joħroġ mill-fatt li fil-festa ċċelebrata fl-10 u l-11 ta' Settembru 1921, ma' l-ave Maria ta' Gounod kien żanżan seba' kompożizzjonijiet ġodda. Dawn kienu l-marċi Alla Madonna di Loreto, Sempre Avanti u Lombardia, il-boston Danza d'Amore, il-gavotte Fata della Bambole u piccolo Fiore flimkien mal-Valz La Terra del Sogno.*[2] *Sena wara kien ikkompona innu lill-Madonna li tkanta minn kor ta'tfal waqt il-purċissjoni.*[3]

*Tista'tgħid li din il-festa kienet tkun iddominata mill-Birgu, kemm fil-festi ta'barra kif ukoll dawk fil-knisja. Jekk inħarsu lejn dik iċċelebrata fl-1925 naraw li t-tridu kien għamlu l-Kanonku Dun Lawrenz Segona u l-Mużika kienet tal-Kanonku Mazelli. Mhux eskluż li waqt il-purċissjoni kienu jieħdu sehem il-kumplament tal-kanoniċi tal-kolleġġjata tal-Birgu.*[4]

*Fl-1921, id-Duke of Edinburgh minbarra f' Għajnsielem, ġiet mistiedna wkoll fil-belt kapitali Għawdxija għall-festa tal-Assunta. F'Din l-ewwel stedina, li fiha l-Banda għamlet programm lejlietha u ieħor f'nharha,Giumarra kien beda b'tislima lill-Għawdex bil-marċ sinfoniku li kkumpina għall-okkażjoni – Omaggio a Gozo. Ir-rabtin kienu wieġbu billi ppreżentaw tazza tal-fidda lill-Banda.*[5]

*Il-fama tad-Duke of Edinburgh f'Għawdex kompliet tixtered għax fl-1922 insibuha fin-Nadur, għal festa ta' San Pietru u San Pawl. Hemm kienet għamlet żewg programmi, wieħed lejlietha u ieħor nharha. Hawn*

F'dan ir-rakkont naraw lil antenati tagħna bħala pijunieri tal-festi, fuq quddiem nett sabiex iġġibu dak li kien meqjus bħala l-aħħar tal-pajjiż, għall-festa tal-Madonna ta' Loreto. U dan minkejja l-limitazzjonijiet li kellhom u l-fatt li r-raħal kien pjutost żgħir.

Kienet tassew ħaġa xierqa li dan l-innu sabiħ jerġa' jibda jindaqq fil-bidu tal-purċissjoni. Għadna għalxiex verament inkunu kburin li Għajnsielem għandu dan l-innu miktub miċ-ċelebri surmast Giovanni Giumarra.

[1]Malta, 6 settembre 1922

[2]Ibid., 8 settembre 1921

[3]Ibid. , 6 agosto 1923

[4]Ibid., 9 settembre 1925

[5]Ibid.,13 agosto 1921

[6]Ibid.,26 giunio 1922

